# Bħal Minutiera

Lillian Sciberras

Bħal minutiera
ta' arloġġ li waqaf jaħdem,
moħħi, bla ma nitolbu,
jterraq lura fis-snin mgħoddija
fejn jgħix, għal ftit,
il-kenn u l-għożża tat-tfulija
u l-ġabra, u l-għaqda, u t-tinbix
ta' aħna w nitrabbew.

U issa li minn sebgħa bqajna tnejn,
it-tifkiriet saru bħal ħjut tad-deheb,
u l-vojt ta' dak li nsejna tul is-snin
qisu bħal għoqda li b'paċenzja kbira
trid tinħall biex tgħid ġrajjietha.

U l-memorji, bħal minutiera tal-arloġġ,
iffriżati ġo xi ittra jew ritratt –
għalkemm jiċparu ta' kuljum –
jirnexxilhom xorta waħda jqanqlu t-togħma,
imqar biex nikkonferma x'mingħalija,
li tassew jiena kont għext is-snin dehbija
li bla ma nkun nistenna jistenbħu ġewwa fija.